MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1925/2002

**Joseph Aquilina ghan-nom tad-ditta Tokyo Japan Engines Auto Dealer**

**vs**

**Giovanni Calleja u b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2002 giet kjamata in kawza GC Auto Centre Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm786.54) rapprezentanti *parts* konsenjati lill-istess konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Gunju, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata**

**tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Settembru, 2002, fejn intqal:**
**i. Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi qatt ma kien hemm u sal-lum m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-istess konvenut kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni;**
**ii. Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, il-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda somma flus lill-attur kif sejjer jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;**
**iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza GC Auto Centre Services Limited prezentata fil-25 ta' Ottubru, 2002, fejn intqal:**
**i. Illi s-socjeta` kjamata in kawza m'ghandhiex taghti s-somma ndikata mill-attur fl-avviz tieghu u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**ii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Ra l-affidavit u sema' x-xhieda ta' Victor Aquilina, Joseph Aquilina, Joseph Formosa, Angelo Aquilina u Rosette Calleja. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kolha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi l-kawza qed issir mill-attur ghall-hlas ta' "parts" ta' karrozzi li biegh lill-konvenut. Il-konvenut qed jghid li mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk, giet kjamata fil-kawza GC Auto Centre Services Limited.**
**2. Victor Aquilina jikkonferma li n-negozju kien mal-konvenut, u jirrizulta li l-konvenut kellu hanut ta' l-*auto parts.* Skond Victor Aquilina kien sar ftehim mal-konvenut li dan jinghata parts on consignment u meta jbiegh xi haga dana jhallas.**

**3. Jirrizulta illi f'Dicembru 1998 kienu saru tlett konsenji lill-konvenut skond ma jirrizulta mid-Dok VA 1 sa VA 5. Fuq dawn kien iffirma l-konvenut personalment. Pero' l-invoices kienu hargu fuq C&A Auto Parts li taghha kien il-propjetarju l-konvenut. Jirrizulta illi fil-11 ta' Dicembru, 2000 C&A Auto Parts Limited saret GC Auto Centre Services Limited.**

**4. Mill-invoices Dok VA 6 sa VA 10 hemm indikat il-prezz originali tal-parts, il-prezz bid-discount, u l-ammont li s-socjeta' kellha tghaddi lill-attur.**

**5. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta' kompliet tircievi konsenji ta' parts minghad l-atturi skond ma jirrizulta mid-Dok VA 11 sa VA 13.**

**6. Skond Victor Aquilina kien intlahaq ftehim sabiex l-attur jigbor xi parts mill-hanut u l-konvenut johrog credit note ghal kull lot li jittiehed. Jirrizulta illi sussegwentement fis-sena 2002 kien gie nkarigat l-accountant Joseph Formosa biex jara l-bilanci li kien ghad hemm dovuti, u l-konvenut kien hallas zewg cekkijiet fl-ammont ta' mija tmienja u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm128.81). B'hekk baqa' l-bilanc mitlub fl-avviz.**

**7. Joseph Formosa jikkonferma dawn il-bilanci, b'dana pero' li jghid illi ma kienx gie mnaqqas l-ammont ta' ghoxrin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm20.35) referibbli ghall-*invoice* Dok VC a fol 57 tal-process.**

**8. Victor Aquilina jikkonferma wkoll illi l-*credit notes* kienu jinhargu fuq il-konvenut f'ismu personali.**

**9. Jirrizulta mill-kumpless tal-provi illi n-negozju kien isir mas-socjeta' kjamata in kawza.**

**10. Ghalhekk jigi illi mill-ammont reklamat kull ma jrid jitnaqqas huwa l-ammont ta' ghoxrin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm20.35) u b'hekk jibqa' s-somma ta' seba' mija u sitta u sittin lira u dsatax-il centezmu ( Lm766.19) dovuta mis-socjeta' kjamata in kawza lill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza, qed jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza**

**thallas lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' seba' mija u sitta u sittin lira u dsatax-il centezmu ( Lm766.19). Bl-imghaxijiet legali fuq dana l-ammont mill-15 ta' Ottubru, 2002 sad-data tal-eventwali pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' kjamata in kawza hlief ghall-ispejjez tal-konvenut li ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------